Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2009

Numru 997/2009

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
(Spettur Bernard Spiteri)

vs

Muftah Ali A. Abdulgader

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Muftah Ali A. Abdulgader, ta' 25 sena, iben Ali u Zohra, mwieled Benghazi fit-2 ta' Frar, 1984 u 54, Ta' Lourdes, Triq Belvedere, Gzira u detentur tal-passaport Libyan bin-numru 453045 li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Matul il-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Settembru, 2009, gewwa San Giljan, ikkometta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Catherine Sultana u offenda l-pudur jew

il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2009.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex tirq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 209, 207 u 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn millum.

Ai termini tas-sezzjoni 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------